DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................      DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**PAWLU REDUX**

***2 Att, 4 Xena, p.59 (M)***

## PAWLU

**QATT ĦADD MA MIET.**

Qatt ħadd ma miet bl'indaħħan jien! Anzi — itir! Ukoll mingħajr ġwienaħ! *(jaqbad mazz envelops — wieħed f'kull id)* Aqta' kemm illum? Sitt mija u tlettax!... Sitt mija u tlettax jekk tgħodd li daħlu l-istazzjon dirett!

*DENNIS: U nofshom, il-biċċa kbira mimlija tgħajjir!*

/ Kif inħobbhom jien! Ma nistenna xejn aħjar minn dal-poplu ta' mogħoż! *(nesa l-combination; jiftaħ kexxun, joħroġ notebook, jaqra l-combination u jdawwar in-numru)* Imbagħad irridu nidħlu fl-Ewropa! Għal ma' xi tribu tal-Asja, jaħslu wiċċhom u jixorbu l-bewl tal-merħliet tagħhom f'nofs deżert – għal hemm tajbin aħna! Altru għandux raġun Vernon Coleman! Hekk ħaqqu għamillhom Alla – u mhux bagħthom hawn, jixxemmxu u jiddandnu fl-Isvizzera fil-Mediterran! *(jiftaħ il-locker)* Eh voilà – it-teżori tiegħi!

Il-qerda tiegħi! *(ipoġġi l-mazzez ta' envelops ġewwa l-locker sa ma jibqa' biss mazz wieħed żgħir, forsi għaxar ittri)* U l-ftit teżori veri tiegħi. Il-ftit li fihom xi sugu. U din oħra ta' llum. *(joħroġ ittra oħra mill-but)* Din fiha biżżejjed karattri – biżżejjed stejjer biex nikteb triloġija oħra!

Kieku taf, Den, x'jiktbulek in-nies meta jibdew iqerru miegħek! Kemm hemm nies imdejqin jixtiequ jiftħu qalbhom ma' xi ħadd! L-Elena Rigbijiet ta' kull raħal u ta' kull ħàra! Kemm hemm nies lesti jferrgħu qalbhom għal ftit mumenti ta' ħelsien... għal ftit mumenti ta' glorja! … Ftit mumenti ta' popolarità!

Il-fatt hu, hemm ġew jinsab il-veru karattru Malti – il-veru polz tal-poplu. Bil-miżerja u l-ħolm fieragħ tiegħu, is-sottokurrent, il-vina maġġura ta' ruħ il-poplu, kif qal darba kittieb famuż. *(<232)*

PDF p.59

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.